



Brussell, 19 ta' Diċembru 2019  
(OR. en)

15272/19

ENV 1041  
AGRI 629  
DEVGEN 253  
PI 159  
FORETS 70  
ONU 147  
PECHE 565  
RECH 531

#### **EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

|          |                                                                                                                                                   |
|----------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                  |
| lil:     | Delegazzjonijiet                                                                                                                                  |
| Suġġett: | Tħejjija tal-qafas globali għall-bijodiversità wara l-2020 tal-Konvenzjoni<br>dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB)<br>- Konklużjonijiet tal-Kunsill |

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tħejjija tal-qafas globali għall-bijodiversità wara l-2020 tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB), kif adottati mill-Kunsill fit-3741 laqgħa tiegħu li saret fid-19 ta' Diċembru 2019.

**Thejġija tal-qafas globali għall-bijodiversità wara l-2020  
Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB)**

**- Konklużjonijiet tal-Kunsill -**

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA**

**FILWAQT LI JFAKKAR:**

Fid-Deċiżjoni 1386/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020 "Nġixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna";

Fil-konklużjonijiet tal-Erbatax-il Laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB), inkluż l-impenn magħmul mill-Partijiet fis-Segment ta' Livell Għoli tagħha;

Fis-sejbiet tar-Rapport ta' Valutazzjoni Globali tal-2019 dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi mill-Pjattaforma Intergovernattiva dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi (IPBES), li jwissu li n-natura sejra lura fid-dinja kollha b'rati bla preċedent fl-istorja tal-bniedem, u li r-rata tal-estinzjonijiet tal-ispeċijiet qiegħda dejjem tiżdied, b'impatt gravi fuq l-oġġetti u s-servizzi pprovduti min-natura u għan-nies madwar id-dinja;

Fl-Aġenda Strateġika l-Ġdida għall-2019–2024 adottata mill-Kunsill Ewropew, li tinsisti fuq il-ħtieġa urġenti li tinbena Ewropa b'impatt newtrali fuq il-klima, ekoloġika u soċjalment ġusta, li tiegħu kont taċ-ċirkostanzi nazzjonali, u timpenja ruħha li tmexxi l-isforzi biex jiġi miġġieled it-telf tal-bijodiversità u jiġu ppreservati s-sistemi ambjentali, inkluż l-oċeani;

Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar:

- "id-Diplomazija dwar il-klima"<sup>1</sup>;
- "Il-progress fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Foresti u dwar qafas strateġiku ġdid għall-foresti"<sup>2</sup>;
- "Aktor ċirkolarità - transizzjoni lejn soċjetà sostenibbli"<sup>3</sup>, li jiżgura li l-ekonomija ċirkolari hija għodda effettiva biex jiġu indirizzati l-fatturi u l-għeruf tat-telf tal-bijodiversità;
- "It-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali - Nibdlu x-Xejriet Flimkien"<sup>4</sup>;
- "Tħejijiet għal-laqqgħat tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) (Santiago de Chile, iċ-Ċili, mit-2 sat-13 ta' Diċembru 2019)"<sup>5</sup>;
- "Bijoeconomija sostenibbli għall-Ewropa: tiżiż tal-konnessjoni bejn l-ekonomija, is-soċjetà u l-ambjent"<sup>6</sup>;
- "Tiżiż tal-azzjoni tal-UE għall-protezzjoni u għar-restawr tal-foresti tad-dinja"<sup>7</sup>;
- "Oċeani u Ibħra"<sup>8</sup>;

FILWAQT LI JIKKONFERMA MILL-ĠDID li l-UE u l-Istati Membri tagħha huma impenjati b'qawwa fl-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tal-KDB u l-Protokoll tagħha<sup>9</sup>;

FILWAQT LI JINNOTA l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew, inkluż l-intenzjoni li tiġi adottata Strateġija għall-Bijodiversità għall-2030, bil-għan li l-UE tikseb in-newtralità klimatika, tipproteġi u ssaħħa l-bijodiversità, ittejjeb is-saħħa taċ-ċittadini u tiżgura s-sostenibbiltà u ċ-ċirkolarità tal-ekonomija tagħna;

---

<sup>1</sup> 6153/19.

<sup>2</sup> 8609/19.

<sup>3</sup> 12791/19.

<sup>4</sup> 12795/19.

<sup>5</sup> 12796/19, dwar il-laqqgħat tal-UNFCCC, li wara avvenimenti wara l-adozzjoni tal-konklużjonijiet, ġew rilokati f'Madrid, fi Spanja.

<sup>6</sup> 14594/19.

<sup>7</sup> 15151/19

<sup>8</sup> 14249/19.

<sup>9</sup> Il-Protokoll ta' Nagoya dwar l-Aċċess għal Riżorsi Ġenetiċi u l-Qsim Ġust u Ekwu ta' Benefiċċji li Jirriżultaw mill-Użu tagħhom; il-Protokoll ta' Kartaġena dwar il-Bijosikurezza u Protokoll Supplimentari ta' Nagoya-Kuala Lumpur dwar ir-Responsabbiltà u l-Kumpens tal-Protokoll ta' Kartaġena.

## L-URĠENZA TA' AZZZJONI GLOBALI MSAĦĦA

1. JESPRIMI T-TĦASSIB SERJU TIEGĦU dwar ir-rata globali tat-telf ta' bijodiversità, li hija bla preċedent fl-istorja tal-bniedem u li hija theddida diretta u eżistenzjali għall-ħajja u l-benesseri tal-bniedem; JENFASIZZA l-ħtieġa għal azzjonijiet globali urġenti biex jitwaqqaf it-telf tal-bijodiversità u biex tissaħħaħ b'mod sinifikanti l-implimentazzjoni tal-KDB fil-livelli kollha, hekk kif id-dinja diġà qed tesperjenza impatti devastanti, bħad-degradazzjoni tal-art, l-oċeani, l-ilma ħelu u l-foresti, id-deforestazzjoni u d-deżertifikazzjoni, minħabba diversi fatturi kkawżati mill-bniedem u spiss interdipendenti, b'mod partikolari l-bidliet fl-użu tal-art u tal-baħar, l-isfruttament tar-riżorsi naturali, it-tibdil fil-klima, it-tniġġis, u l-ispeċijiet aljeni invażivi;
2. JINSAB PROFONDAMENT ALLARMAT dwar ir-riżultati tar-rapport ta' valutazzjoni rigward id-degradazzjoni u r-restawr tal-art, u r-rapport ta' valutazzjoni globali dwar il-bijodiversità u s-servizzi ekosistemiċi rilaxxati mill-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi (IPBES), kif ukoll ir-rapporti maħruġa mill-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) fl-2018 u l-2019, filwaqt li jinnotta l-konverġenza qawwija tagħhom dwar il-ħtieġa għal bidla urġenti u trasformattiva; f'dan ir-rigward JINNOTA BI TĦASSIB KBIR l-istat allarmanti tan-natura, b'madwar miljun speċi f'riskju ta' estinzjoni, l-implikazzjonijiet estensivi tad-degradazzjoni tal-ekosistemi, b'mod partikolari d-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti u tal-artijiet mistagħdra, u l-implikazzjonijiet severi tat-tibdil fil-klima li ma qata' qatt li jirriżulta fost l-oħrajn mill-aċidifikazzjoni tal-oċeani b'impatti negattivi fuq l-ekosistemi u l-komunitajiet tal-baħar u tal-kosta, u fuq l-ekonomija tal-oċeani;
3. JIDDISPJACI ĦAFNA li, minkejja ż-żieda fl-isforzi , id-dinja, inkluż l-UE u l-Istati Membri tagħha, mhumiex fit-triq it-tajba lejn il-kisba ta' ħafna mill-Miri tal-Bijodiversità ta' Aichi, u li l-ambizzjoni u l-azzjonijiet attwali tagħna mhumiex biżżejjed biex tinkiseb il-Viżjoni għall-Bijodiversità sal-2050;

4. JAFFERMA MILL-ĠDID li l-UE u l-Istati Membri tagħha ser imexxu u jżidu l-isforzi kontra t-telf tal-bijodiversità, u jikkontribwixxu bil-qawwa għall-adozzjoni ta' qafas ambizzjuż u realistiku għall-bijodiversità wara l-2020, b'kemm jista' jkun miri u indikaturi li jistgħu jitkejlu; JISSOTTOLINJA l-ħtieġa urġenti għal bidla trasformattiva biex tinkiseb il-Viżjoni 2050, biex jiġu ssalvagwardjati u mtejbja l-istat tal-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistemi fil-livelli kollha, biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-ekosistema, il-konnettività u r-restawr ekoloġiku, u biex tiġi evitata d-degradazzjoni tal-ekosistema;
5. Fil-kuntest tal-qafas globali tal-bijodiversità għal wara l-2020, JIBQA' IMPENJAT BIS-SĦIĦ biex isaħħaħ is-sinerġiji u l-appoġġ reċiproku fost il-ftehimiet ambjentali multilaterali (MEAs) relatati mal-bijodiversità u l-oqfsa u l-organizzazzjonijiet rilevanti, bħall-Konvenzjonijiet ta' Rio (UNFCCC, UNCBD u UNCCD), il-Programm tan-NU għall-Ambjent (UNEP), l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO), l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), il-Forum tan-NU dwar il-Foresti (UNFF), l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), il-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri, il-Qafas għall-Ġestjoni tas-Sustanzi Kimiċi (SAICM), l-Aġenda Urbana l-Ġdida tan-NU, il-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS), u l-Aġenda 2030 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tagħha;
6. JINKORAĠĠIXXI lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jikkunsidraw li jingħaqdu ma' inizjattivi globali rilevanti mmirati lejn it-tisħiħ tas-sensibilizzazzjoni politika u l-ambizzjoni għall-protezzjoni tal-bijodiversità, pereżempju koalizzjonijiet ta' ambizzjoni kbira, biex b'mod urġenti jimplimentaw l-impenji eżistenti u biex jieħdu impenji addizzjonali, u b'hekk iżidu b'mod sinifikanti l-azzjonijiet li jwaqqfu t-telf tal-bijodiversità u jreġġgħu lura d-degradazzjoni tal-ekosistema, u b'hekk jikkontribwixxu wkoll għad-Deċennju tan-NU dwar ir-Restawr tal-Ekosistema;

7. JISSOTTOLINJA li l-isforzi biex tiġi ssodisfata l-Aġenda 2030, inkluż l-SDGs tagħha, u biex jitwaqqaf it-telf tal-bijodiversità huma interdipendenti ħafna u jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku; JENFASIZZA BI TĦASSIB li r-Rapport dwar l-Iżvilupp Sostenibbli Globali għall-2019 jidentifika l-SDGs 14 ("il-ħajja taħt l-ilma") u 15 ("il-ħajja fuq l-art") relatati mal-bijodiversità fost l-għanijiet li juru xejra fit-tul negattiva; JISĦAQ li l-ispejjeż ta' nuqqas ta' azzjoni ulterjuri biex jitwaqqaf it-telf tal-bijodiversità ser jiżdedu b'mod sinifikanti fir-rigward tal-funzjonament tal-ekosistema, l-ambjent, l-artijiet mistagħdra, l-ibħra u l-oċeani, il-benesseri tal-bniedem, is-sigurtà tal-ilma u tal-ikel, li min-naħa tagħhom ser jheddu serjament il-kisba ta' ħafna SDGs;
8. JAFFERMA MILL-ĠDID l-importanza tal-approċċ prekawzjonarju, inkluż fid-Dikjarazzjoni ta' Rio dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp, għall-KDB u l-protokolli tagħha; JILQA' l-ħidma skont il-Protokoll ta' Kartaġena b'mod partikolari fir-rigward tal-valutazzjoni tar-riskji potenzjali assoċjati mal-bijoteknoloġiji; barra minn hekk, JILQA' l-ħidma taħt il-Protokoll ta' Nagoya u JAPPELLA lill-Partijiet kollha għall-Protokoll biex isaħħu l-isforzi tagħhom biex il-Protokoll ta' Nagoya jsir kompletament operazzjonali;
9. JISSOTTOLINJA li l-bijodiversità u l-ekosistemi b'saħħithom u s-servizzi tagħhom jappoġġaw it-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem;
10. JISĦAQ fuq il-ħtieġa urġenti li tiġi miġġielda b'mod effikaċi l-kriminalità ambjentali u dik marbuta mal-organiżmi selvaġġi;

## **IT-TISĦIĦ TAL-AZZJONI U L-AMBIZZJONI TAL-UE U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA**

11. IĦEĠĠEĠ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jindirizzaw simultanjament il-fatturi diretti u indiretti tat-telf tal-bijodiversità, billi jstabbilixxu għanijiet, miri, u miżuri ta' implimentazzjoni ambizzjużi, realistiki u sa fejn ikun possibbli li jkunu jistgħu jitkejlu;

12. JAPPELLA lill-Kummissjoni Ewropea biex tiżviluppa mingħajr dewmien Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità tal-2030 li tkun ambizzjuża, realistika u koerenti bħala element ċentrali tal-Patt Ekoloġiku Ewropew li jindirizza kemm il-fatturi diretti kif ukoll dawk indiretti tat-telf tal-bijodiversità u d-degradazzjoni tal-ekosistema, inkluż l-oġettivi għall-konservazzjoni tal-abitati u tal-ispeċijiet, u l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' prekawżjoni u l-approċċ mil-lat tal-ekosistemi; JAPPELLA wkoll lill-Kummissjoni Ewropea biex tikkunsidra miżuri regolatorji u mhux regolatorji oħra rilevanti għall-bijodiversità, l-ekosistemi b'saħħithom u s-servizzi tagħhom, b'kont meħud tas-sejbiet ippreżentati fl-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità li ser titressaq dalwaqt;
13. IĦEĠĠEĠ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jintegraw bis-sħiħ il-bijodiversità fil-politiki settorjali, transsettorjali u globali Ewropej u nazzjonali rilevanti kollha, b'mod partikolari tal-klima, il-kummerċ, l-industrija, it-turiżmu, l-agrikoltura, l-ikel, il-forestrija, is-sajd, l-akkwakultura, l-affarijiet marittimi, l-enerġija, l-estrazzjoni mill-minjieri, it-trasport, l-infrastruttura, is-saħħa, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-ekonomija u l-finanzi, pereżempju bl-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni settorjali dwar il-bijodiversità f'dawn is-setturi; f'dan il-kuntest, JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġi żgurat finanzjament adegwat u konsistenti għall-bijodiversità;
14. JAPPELLA GĦALL-integrazzjoni sħiħa, effettiva u koerenti tal-bijodiversità b'mod partikolari fid-disinn u l-implimentazzjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027 il-ġdid, u fil-politiki futuri, bħat-8 Programm ta' Azzjoni Ambjentali (EAP), il-Patt dwar il-Klima, il-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari, l-Istrateġija ta' Tniġġis Żero u l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt, il-Politika Agrikola Komuni l-ġdida u l-Politika Komuni tas-Sajd;
15. JISSOTTOLINJA l-importanza li l-UE u l-Istati Membri tagħha jiżviluppaw, jadattaw jew jadottaw Strateġiji u Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Bijodiversità (NBSAPs) bi skadenzi ċari, sabiex jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni u l-kisba tal-qafas globali għall-bijodiversità wara l-2020; JISĦAQ fuq il-ħtieġa għal impenji addizzjonali urġenti biex iwaqqfu t-telf tal-bijodiversità, jipproteġu u jirrestawraw l-ekosistemi tal-art, tal-ilma ħelu, tal-artijiet mistagħdra u tal-baħar fiż-żoni protetti u barra minnhom, u biex jimplimentaw bis-sħiħ il-leġislazzjoni tal-UE dwar in-natura; JAGĦRAF il-ħtieġa għall-promozzjoni tal-infrastruttura ekoloġika u blu, soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura li jrawmu l-bijodiversità u l-użu sostenibbli tal-ħamrija, il-foresti, l-oċeani u riżorsi naturali oħra;

16. JISSOTTOLINJA l-interdipendenza tal-isfidi ambjentali, soċjali, kulturali u ekonomiċi; JENFASIZZA li s-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura jaqdu rwol importanti biex isolvu l-isfidi globali bħalma huma t-telf tal-bijodiversità u d-degradazzjoni tal-ekosistemi, il-faqar, il-ġuħ, is-saħħa, l-iskarsezza tal-ilma u n-nixfa, l-inugwaljanza bejn is-sessi, it-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri u t-tibdil fil-klima;
17. JISĦAQ fuq il-ħtieġa ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura b'appoġġ għall-protezzjoni tal-bijodiversità, ir-restawr u l-użu sostenibbli, u l-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, kif ippreżentat fir-Rapporti Speċjali reċenti tal-IPCC, fl-iżvilupp ulterjuri tal-politiki tal-UE dwar il-klima f'konformità mal-għan tal-Ftehim ta' Pariġi li jtkomplew l-isforzi biex iż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1,5°C 'il fuq mil-livelli preindustrijali;
18. JENFASIZZA l-ħtieġa li l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-bijodiversità jiġu inkorporati fil-katina tal-valur kollha kemm hi u fil-kontabbiltà nazzjonali, biex tinkiseb tranżizzjoni lejn impatt pożittiv nett tan-negozju fuq il-bijodiversità u biex is-settur privat jiġi mobilizzat sabiex jagħti r-risultati f'termini ta' bijodiversità; JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-konsum, il-kummerċ u l-produzzjoni u li titnaqqas b'mod sinifikanti l-impronta ekoloġika tal-UE fil-livelli kollha; f'dan ir-rigward JENFASIZZA r-rwol tal-ekonomija ċirkolari u JAPPELLA lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jappoġġaw tranżizzjoni rapida, inklużiva, ġusta u ekoloġika;
19. JISSOTTOLINJA l-importanza li jittejjbu l-effiċjenza, il-kosteffikaċja, l-integrazzjoni u s-sinerġiji tar-riżorsi disponibbli u li jiġu mmobilizzati riżorsi ġodda u addizzjonali mis-sorsi kollha (finanzjarji, umani, tekniċi u istituzzjonali) għall-bijodiversità; JISĦAQ fuq il-ħtieġa tal-prova tar-reżistenza tal-bijodiversità tal-flussi finanzjarji rilevanti kollha, sabiex jiġi evitat li jkun hemm impatti negattivi fuq il-bijodiversità, u fejn ikun possibbli, jiġu prodotti kobenefiċċji għaliha;
20. JIRRIKONOXXI l-importanza tar-riforniment tal-Fond għall-Ambjent Dinji (GEF7) ta' suċċess u JISĦAQ fuq il-ħtieġa għal appoġġ kontinwu mill-GEF għall-implimentazzjoni tal-qafas globali għall-bijodiversità wara l-2020;

21. JISĦAQ fuq l-impenn tiegħu biex jiġi konkluż strument legalment vinkolanti fuq livell internazzjonali li jkun ambizzjuż skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar rigward il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika tal-baħar lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali (BBNJ) sal-2020; JAFFERMA MILL-ĠDID il-ħtieġa għall-implimentazzjoni effettiva u sħiħa tal-impenji u l-proċessi eżistenti rilevanti, b'rabta mal-bijodiversità tal-baħar u tal-kosta;
22. HUWA IMPENJAT biex:
- imexxi bl-eżempju u jikkontribwixxi bis-saħħa għall-adozzjoni ta' qafas globali għall-bijodiversità wara l-2020 li jkun ambizzjuż u realistiku, b'kemm jista' jkun miri u indikaturi li jistgħu jitkejlu, inkluż missjoni, biex jitwaqqaf it-telf tal-bijodiversità u tiġi restawrata sal-2030;
  - jintegra l-bijodiversità fil-politiki rilevanti kollha tal-UE, pereżempju l-Politika Agrikola Komuni (PAK) il-ġdida;
  - jaħdem biex tiġi żgurata rabta ċara bejn il-Viżjoni 2050, il-Missjoni 2030, objettiv wieħed jew numru żgħir ta' objettivi globali possibbli, stadji importanti, għanijiet u miri;
  - itejjeb l-implimentazzjoni, l-integrazzjoni u l-inklużjoni ta' azzjonijiet għall-bijodiversità fi pjanijiet u politiki rilevanti, u filwaqt li jissottolinja wkoll ir-rwol ewlieni tal-NBSAPs f'dan il-kuntest;
  - isaħħaħ l-eżami regolari tal-implimentazzjoni u r-responsabbiltà tal-politiki, l-azzjonijiet u l-impenji relatati man-natura u l-bijodiversità, bil-għan li tissaħħaħ regolarment l-effikaċja tagħhom u tiżdied l-ambizzjoni tagħhom, meta jkun meħtieġ;
  - isaħħaħ u jstabilixxi azzjonijiet u jikkontribwixxi għall-adozzjoni ta' miri konkreti li jistgħu jitkejlu biex jindirizzaw b'mod effettiv il-fatturi diretti u indiretti tat-telf tal-bijodiversità kif identifikat mir-Rapport ta' Valutazzjoni Globali dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi tal-IPBES;
  - jaħdem mal-Partijiet, il-partijiet ikkonċernati, il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali, in-nisa, iż-żgħażaġħ, ix-xjenza u n-negozju, biex ikun hemm eżitu ta' suċċess fil-COP15 tal-KDB u 'l quddiem li jwieġeb għall-isfidi enfasizzati fir-Rapport ta' Valutazzjoni Globali dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi tal-IPBES għall-2019;

- jippromwovi governanza tajba għall-integrazzjoni tal-bijodiversità fis-setturi rilevanti kollha, inkluż billi titrawwem il-parteċipazzjoni pubblika fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet, u titjieb l-effettività tal-aċċess għall-ġustizzja;
- jieħu azzjoni konkreta biex iwaqqaf it-tnaqqis tad-dakkara;
- iżid il-kopertura madwar l-Ewropa kollha, kif xieraq, ta' żoni protetti u miżuri effettivi oħra ta' konservazzjoni bbażati fuq iż-żona u jsaħħa u jtejjeb l-effikaċja tal-ġestjoni tagħhom, u jippromwovi miżuri dwar il-konnettività ekosistemika u r-restawr ekoloġiku;
- jikkonserva l-bijodiversità, juża b'mod sostenibbli l-komponenti tagħha u jikkondividi b'mod ġust u ekwu l-benefiċċji li jirriżultaw mill-użu tar-riżorsi ġenetiċi, inkluż permezz ta' aċċess xieraq għal riżorsi ġenetiċi, f'konformità mal-KDB u l-Protokoll tagħha u t-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u Agrikoltura (ITPGRFA);
- iżid ir-riċerka u l-innovazzjoni għan-natura u l-bijodiversità, filwaqt li jirrispetta l-approċċ prekawzjonarju, u jippromwovi l-kooperazzjoni xjentifika, teknoloġika u ekonomika, inkluż ir-restawr u l-ġestjoni ta' ekosistemi u jkompli jippromwovi azzjonijiet kontra speċijiet aljeni invażivi fl-Ewropa u madwar id-dinja;
- itejjeb is-sistemi u t-teknoloġiji ta' monitoraġġ, inkluż billi juża sorsi ta' data ġodda biex itejbu l-kwalità, il-puntwalità u l-komparabbiltà ta' data komprensiva dwar il-bijodiversità;
- iżid l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, bħala appoġġ għall-konservazzjoni, ir-restawr u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità, biex jiġu indirizzati l-isfidi globali, fost l-oħrajn it-telf tal-bijodiversità, it-tibdil fil-klima, it-tniġġis, l-ispeċijiet aljeni invażivi, id-degradazzjoni tal-art, it-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, is-sigurtà tal-ilma u tal-ikel, is-saħħa tal-bniedem u l-qerda tal-faqar;
- isaħħa u jħaffef il-pass tat-tranżizzjoni lejn ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, sikura, ċirkolari u b'impatt newtrali fuq il-klima li tipproteġi u tirrestawra wkoll il-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistema;
- isaħħa u jżid b'mod qawwi l-isforzi għall-integrazzjoni tal-bijodiversità fis-setturi kollha, inkluż permezz ta' miri settorjali speċifiċi u li jistgħu jitkejlu, u jsaħħa il-ħidma biex jiġu eliminati s-sussidji li huma ta' ħsara għall-bijodiversità;

- jinkorpora l-valur tal-bijodiversità u jevita l-impatti negattivi fuq il-bijodiversità tul il-katina kollha tal-valur, inkluż fil-produzzjoni, il-kummerċ u l-konsum;
- itejjeb l-użu effiċjenti u effikaċi u l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi (finanzjarji, umani, tekniċi u istituzzjonali) mis-sorsi kollha għall-bijodiversità u jagħmel flussi finanzjarji domestiċi u internazzjonali, inkluż fl-akkwist pubbliku, b'mod konsistenti mal-qafas globali għall-bijodiversità wara l-2020;
- jiżgura li l-politiki esterni tal-UE, inkluż dawk kummerċjali, ikunu konformi mal-impenji tiegħu għall-bijodiversità;
- jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiġġieled b'mod effikaċi kontra l-kriminalità marbuta mal-organizzmi selvaġġi; inkluż li jiġġieled kontra l-qtil illegali ta' speċijiet mhedda u l-kummerċ tagħhom;
- jaħdem mas-settur privat biex jimmobilizza u jżid l-investimenti privati għall-bijodiversità f'konformità mal-oġettivi tal-KDB, jinkoraġġixxi lin-negozji biex jivvalutaw u jnaqqsu l-impatti negattivi tagħhom fuq il-bijodiversità, biex jintegraw il-bijodiversità fl-attivitajiet tagħhom u biex jimpenjaw ruħhom għal Aġenda għal Azzjoni minn Sharm El-Sheikh sa Kunming għan-Natura u n-Nies;
- jagħmel impenn jew impenji volontarji individwali u/jew konġunt(i) tal-UE fil-75 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti f'Settembru 2020 jew fis-COP 15 tal-KDB biex jikkontribwixxu għal qafas globali għall-bijodiversità wara l-2020 li jkun effettiv u ta' suċċess billi jiġu indirizzati l-fatturi tat-telf tal-bijodiversità identifikati mill-Valutazzjoni Globali tal-IPBES għall-2019;
- jerġa' lura għall-kwistjoni sabiex jiġi adottat mandat għan-negozjati li jwasslu għall-adozzjoni ta' qafas globali għall-bijodiversità wara l-2020 fis-COP15 tal-KDB.

---